I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

Politika Ewropea tat-trasport sostenibbli

P6_TA(2008)0087

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2008 dwar politika Ewropea tat-trasport sostenibbli li tqis il-linji politiċi Ewropej dwar l-enerġija u l-ambjent (2007/2147(INI))

(2009/C 66 E/01)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza maħruġa wara l-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007, rigward l-adozzjoni mill-Kunsill Ewropew ta' "Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill Ewropew (2007-2009)" bl-isem "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" (7224/1/07),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Komunikazzjoni dwar politika Ewropea għall-portijiet" (COM(2007)0616),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Lejn Netwerk tal-ferroviji li jagħti prijorità lill-merkanzija" (COM(2007)0608),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Pjan ta' azzjoni għal-Loġistika tat-Trasport tal-Merkanzija" (COM(2007)0607),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "L-aġenda ta' l-UE fil-qasam tat-trasport: Intejbu l-effiċjenza, l-integrazzjoni u s-sostenibbiltà tat-trasport tal-merkanzija fl-Ewropa" (COM(2007) 0606),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni bl-isem "Lejn kultura ġdida għall-mobilità urbana" (COM(2007)0551),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar strumenti bbażati fuq is-suq għal skopijiet ta' ambjent u ta' politiki relatati (COM(2007)0140),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Qafas regolatorju kompetittiv tal-karozzi għas-Seklu 21 — Pożizzjoni tal-Kummissjoni għar-Rapport finali tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21 — Kontribuzzjoni għall-Iżvilupp ta' l-UE u l-Istrateġija ta' l-Impjiegi" (COM(2007)0022),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Riżultati tar-reviżjoni ta' l-Istrateġija Komunitarja għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO_2 minn karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief" (COM(2007)0019),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Limitazzjoni tal-Bidla Globali fil-Klima għal 2 gradi Celsius — It-triq 'il quddiem għall-2020 u lil hinn" (COM(2007)0002),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Politka dwar l-Enerġija għall-Ewropa" (COM(2007)0001),

It-Tlieta, 11 ta' Marzu 2008

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Pjan Direzzjonali għall-Enerġija li Tiġġedded — Enerġiji li jiġġeddu fis-seklu 21: nibnu futur aktar sostenibbli" (COM(2006)0848),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Rapport ta' Progress dwar il-Bijokarburanti: Rapport dwar il-progress miksub fl-użu tal-bijokarburanti u karburanti oħra minn sorsi rinnovabbli fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea" (COM(2006)0845),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija: It-Twettiq tal-Potenzjal" (COM(2006)0545),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-Mobilità Sostenibbli għall-kontinent tagħna — Reviżjoni f'nofs il-perjodu tal-White Paper ta' l-2001 tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-Trasport" (COM(2006)0314),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar l-Istrateġija Komunitarja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-karozzi tal-passiġġieri u mill-vetturi kummerċjali ħfief ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Settembru 2007 dwar il-loġistika tat-trasport tal-merkanzija fl-Ewropa — Is-soluzzjoni għall-mobilità sostenibbli ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 dwar inżommu l-Ewropa miexja — mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna ([3]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-5 ta' Settembru 2006 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar it-taxxi relatati mal-karozzi tal-passiġġieri ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi ([5]) (Direttiva Eurovignette),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Ambent, is-Saħħa Pubblika u l-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0014/2008),

A. billi l-iżvilupp sostenibbli — objettiv ta' l-UE li japplika għal kulħadd — huwa maħsub li jġib miegħu titjib kontinwu fil-kwalità tal-ħajja u fil-ġid tal-pjaneta tagħna għall-ġenerazzjonijiet ta' issa u dawk futuri,

B. billi madwar terz tat-total tal-konsum ta' enerġija fl-UE25 huwa marbut mas-settur tat-trasport, esklużi t-tbaħħir u linji tal-pajpijiet, u billi t-trasport fit-toroq, li jakkonta għal 83 %, huwa l-mezz ta' trasport li juża l-akbar volum ta' enerġija,

C. billi s-settur tat-trasport jakkonta għal 70 % tat-talba għaż-żejt fl-UE 25; billi s-settur jiddependi fuq il-fjuwils fossili għal 97 % tal-forniment tiegħu, u b'hekk jibqa' biss 2 % għall-elettriċità (li ħafna minnha hija ġġenerata b'mod nukleari) u biss daqs 1 % għall-bijofjuwils,

D. billi fis-snin riċenti l-effiċjenza fl-enerġija ta' metodi ta' trasport differenti ttejjbet ħafna u billi dan ippermetta li l-emissjonijiet tas-CO_2 korrispondenti kull km tnaqqsu b'mod sostanzjali; billi dan it-titjib, madankollu, qed ikun bilanċjat mill-effetti ta' domanda li dejjem qed tikber fis-settur tat-trasport,

E. għallhekk, billi l-emissjonijiet fis-settur tat-trasport, meta kkunsidrat kollu, qed ikomplu jiżdiedu: fl-2005 biss, is-settur tat-trasport kien responsabbli għal 24,1 % tat-total ta' l-emmissjonijiet ta' gassijiet b' effett serra (CO_2, CH_4, N_2O) fl-EU 27 u skond previżjonijiet tal-Kummissjoni, it-talba tiegħu għall-enerġija se tiżdied b'mill-anqas 30 % minn issa sa l-2030,

---

([1]) Testi Adottati, P6_TA(2007)0469.
([2]) Testi Adottati, P6_TA(2007)0375.
([3]) Testi Adottati, P6_TA(2007)0345.
([4]) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 85.
([5]) ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/103/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 344).

F. billi l-emissjonijiet ta' ħsara li qed jipproduċi t-trasport fit-toroq naqsu bħala riżultat ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi u sforzi estensivi ta' l-industrija tal-karozzi; billi r-riżultat intlaħaq b'mod speċifiku permezz ta' l-introduzzjoni ta' konvertituri katalitiċi, filtri tal-partiċelli fini, u teknoloġiji oħra li għenu fit-tnaqqis ta' l-NO_x u ta' l-emissjoni ta' partiċelli li jniġġsu b'medja ta' 30 % u 40 % fl-aħħar ħmistax-il sena; billi, minkejja li sar dan it-titjib, il-miri tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2 li jirriżultaw mill-ftehima volontarja tal-manifatturi tal-karozzi intlaħqu biss parzjalment,

G. billi t-traffiku urban jiġġenera 40 % ta' l-emissjonijiet tas-CO_2 u 70 % ta' emissjoni oħra li jniġġsu minn vetturi u billi l-konġestjoni fit-toroq, kkonċentrata l-aktar fil-bliet il-kbar, tfisser spiża għall-UE ta' madwar 1 % tal-Prodott Gross Domestiku,

H. billi 70 % tal-proġetti prijoritarji tat-trasport trans-Ewropej approvati fl-2004 jirrigwardaw it-trasport bil-ferrovija u bil-baħar, li huma rikonoxxuti bħala l-modi ta' trasport li l-anqas iniġġsu,

I. billi fil-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew msemmija hawn fuq, l-UE impenjat ruħa sew u b'mod unilaterali li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra b'mill-anqas 20 % meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990,

1. Jemmen li l-mobilità kienet waħda mill-akbar kisbiet u sfidi ta' l-aħħar seklu u li trasport sostenibbli għandu jsib bilanċ ġust bejn interessi differenti u spiss f'kunflitt, filwaqt li jfittex li jirrikonċilja l-mobilità, dritt bażiku li jgawdi ċ-ċittadin, l-importanza tas-settur tat-trasport f'termini ekonomiċi u ta' impjiegi, ir-responsabilità għall-ambjent lokali u globali u d-dritt taċ-ċittadini għas-sikurezza, għall-kwalità tal-ħajja u għas-saħħa;

2. Jenfasizza li s-settur tat-trasport ukoll irid jilħaq il-miri ta' l-UE fit-tnaqqis tal-konsum taż-żejt u ta' l-emmissjonijiet tal-gassijiet li joħolqu l-effett ta' serra b'mill-anqas 20 % meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990 sa l-2020;

3. Jenfasizza l-importanza tas-settur tat-trasport għall-impjiegi, it-tkabbir u, l-innovazzjoni u jikkunsidra li l-mobilità sikura u bi prezz li jista' jintlaħaq għandha tkun sine qua non ta' l-istil ta' ħajja tagħna; għalhekk jemmen — rigward il-prijorità li għandha tingħata lill-mobilità sostenibbli mil-lat ambjentali — li x'aktarx li ċ-ċittadini jappoġġaw miżuri li jiggarantixxu l-mobilità tagħhom fuq perjodu ta' żmien twil ([1]);

4. Huwa ta' l-opinjoni li sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' trasport sostenibbli fl-Ewropa f'termini enerġetiċi u ambjentali, huwa neċessarju li jkunu kkombinati medda ta' linji politiċi li jappoġġjaw u jikkoreġu lil xulxin, u b'hekk ikun żgurat l-involviment ta' aktar u aktar partijiet interessati li jirrappreżentaw is-settur tat-trasport, il-gvern u ċ-ċittadini; huwa konvint li biss bl-applikazzjoni tal-kombinazzjoni t-tajba ta' miżuri jkun possibbli li jkunu mitigati l-effetti kuntrarji ta' azzjonijiet individwali u ċ-ċittadini jikkonvinċu rwieħhom li jaċċettaw dawk l-azzjonijiet;

5. Jikkunsidra li kombinazzjoni ta' politika ta' dan it-tip għandha tikkomprendi b'mod partikulari dan li ġej:

(a) l-iżviluppi teknoloġiċi (miżuri biex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija, standards/regolamenti ġodda għall-magni u l-fjuwils, l-użu ta' teknoloġiji ġodda u fjuwils alternattivi);

(b) strumenti bbażati fuq is-suq (tariffi/nollijiet ibbażati fuq l-impatti ambjentali jew il-konġestjoni, inċentivi fiskali, Skema ta' Skambju ta' Kwoti ta' l-Emissjonijiet (ETS) li jippermettu li jkun hemm karatteristiċi speċifiċi tal-modi differenti ta' trasport); u

(c) miżuri laterali li jippermettu lill-mezzi tat-traport u lill-infrastruttura li jkunu wżati bl-aktar mod effiċjenti possibbli u jinkoraġġixu lill-kumpaniji u liċ-ċittadini biex ibiddlu l-modi tagħhom;

6. Isostni li l-UE u l-Istati Membri jridu jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq l-elementi prinċipali tas-sistema, jiġifieri:

(a) bliet kbar u z-zoni urbani ffullati, fejn l-aktar li jsir moviment;

([1]) Ara "Attitudnijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-Politika tat-Trasport ta' l-UE", Flash Eurobarometer Nru 206b, Politika tat-Trasport ta' l-UE.

It-Tlieta, 11 ta' Marzu 2008

(b) il-kurituri prinċipali ta' l-intercity Ewropea, ir-rottot bl-akbar proporzjon ta' kummerċ intern u internazzjonali ta' l-UE; u

(c) żoni li huma sensittivi għall-ambjent (ir-reġjun ta' l-Alpi, il-Baħar Baltiku, etc);

7. Jenfasizza l-importanza ta' l-iffirmar mill-Kunsill tal-Protokoll dwar it-Trasport tal-Konvenzjoni Alpina mill-Kunsill f'Diċembru 2006; jenfasizza l-fatt li, minħabba r-ratifika tal-protokoll, jeħtieġ li l-Kummissjoni tniedi minnufih miżuri tanġibbli ta' implimentazzjoni biex tippromwovi t-trasport sostenibbli f'reġjuni sensittivi tal-muntanji u f'żoni b'popolazzjoni għolja;

8. Isostni li bl-istess mod għandhom jitħaddmu strumenti bbażati fuq is-suq biex ikunu promossi vetturi b'konsum baxx ta' fjuwil u emissjonijiet baxxi billi, bħala eżempju, isir użu minn eżenzjonijiet fiskali, riformi fid-dazju fuq il-vetturi li jikkunsidraw l-emissjonijiet li jniġġsu u l-effiċjenza tal-fjuwil, inċentivi biex jintremew vetturi li jniġġsu ħafna u jinxtraw karozzi ġodda b'emissjonijiet aktar baxxi; jikkunsidra li dawn huma miżuri importanti li għandhom jgħinu wkoll lill-manifatturi tal-magni biex jirkupraw l-ispejjez ta' konformità ma' l-obbligi imposti taħt il-qafas leġiżlattiv il-ġdid;

9. Għalhekk, iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex juru l-istess determinazzjoni li wrew fil-laqgħa tal-Kunsill ta' l-Ewropa tat-8 u tad-9 ta' Marzu 2007 billi:

(a) jadottaw il-proposta għal direttiva dwar taxxi relatati ma' vetturi tal-passiġġieri sabiex it-taxxa fuq il-vetturi tkun marbuta ma' l-emmissjonijiet li jniġġsu u l-effiċjenza tal-konsum; u

(b) mingħajr aktar dewmien, issir riforma fis-sistemi fiskali tagħhom b'tali mod li tipprovdi għal inċentivi sustanzjali favur vetturi aktar nodfa;

10. Tappoġġa l-kwistjoni mqajjma mill-Kummissjoni fil-Green Paper msemmija hawn fuq dwar strumenti bbażati fuq is-suq għal skopijiet ta' ambjent u ta' politika relatata, rigward l-għażla li tintuża proċedura ta' koordinazzjoni u skambju ta' esperjenza u ta' l-aħjar prassi sabiex, filwaqt li jkun hemm aktar skrutinju attiv, jkunu promossi riformi nazzjonali tas-sistemi ta' ħlas għat-trasport u ta' taxxi ambjentali; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu passi biex tilħaq dak il-għan;

11. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex iżidu l-investiment tagħhom fl-infrastruttura u f'sistemi ta' trasport intelliġenti (ITS's), partikularment bil-għan li:

(a) jitlestew il-proġetti ta' prijorità tan-netwerk trans-Ewropew mill-aktar fis possibbli, peress li dawn huma ta' importanza vitali għall-loġistika tat-trasport tal-merkanzija u għall-politika Ewropea tat-trasport sostenibbli;

(b) tkun affrontata l-problema tal-konġestjoni f'zoni urbani u matul il-kurituri f'zoni sensittivi; u

(c) jittejjeb it-trasport intermodali;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tressaq, mhux aktar tard minn Ġunju 2008, mudell li jiftiehem, trasparenti u ġeneralment applikabbli għall-evalwazzjoni ta' spejjeż esterni tal-modi kollha ta' trasport, li fuqhom għandhom jiġu bbażati kalkoli ta' tariffi futuri li għandhom jitħallsu għall-użu ta' l-infrastruttura; josserva li, skond id-Direttiva Eurovignette, il-mudell irid ikun akkumpanjat minn analiżi ta' l-impatt ta' l-internalizzazzjoni ta' l-ispejjeż esterni għall-modi kollha tat-trasport u minn strateġija biex il-mudell jiddaħħal ftit ftit f'kull mod tat-trasport; u jistieden lill-Kummisjoni, biex, flimkien ma' l-inizjattiva msemmija hawn fuq, tipproduċi proposti leġiżlativi mar-reviżjoni tad-Direttiva ta' l-Eurovignette;

13. Huwa konvint li l-problema tal-konġestjoni urbana, li tikkawża 40 % ta' l-emissjonijiet tas-CO_2 u 70 % ta' emissjonijiet oħra li jniġġsu minn vetturi, jeħtieġ tkun affrontata b'mod aktar ambizzjuż mingħajr il-ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, billi tkun applikata koperazzjoni madwar l-Ewropa u strateġija ta' koordinazzjoni;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex janalizzaw il-mod li bih l-infrastruttura tat-trasport u t-tariffi applikati fuqha jinfluenzaw l-iżvilupp urban u d-domanda futura għas-servizzi tat-trasport;

15. Huwa ta' l-opinjoni li politika effettiva ta' mobilità urbana għandha tkun ibbażata fuq metodu integrat kemm jista' jkun, li jġib flimkien is-soluzzjonijiet l-aktar adattati għal kull problema individwali; jemmen bis-sħiħ li z-zoni urbani għandhom potenzjal ekonomiku sod li joffru aktar linji politiċi ta' trasferiment modali favur it-trasport pubbliku, il-mixi u r-roti; f'dan ir-rigward, jikkkunsidra li hu importanti li jkun hemm iffukar fuq l-innovazzjoni teknoloġika (użu akbar ta' ITS's), sfruttament aħjar ta' l-infrastruttura preżenti, speċjalment permezz ta' miżuri għall-kontroll tad-domanda (tariffi ta' konġestjoni u prezzijiet tat-toroq (road pricing)), u soluzzjonijiet innovattivi għall-aħjar integrazzjoni ta' flussi ta' merkanzija urbana; u, fl-aħħar, modi ġodda kif isir l-aħjar użu ta' karozzi privati u "car-sharing", "carpooling" u arranġamenti biex isir ix-xogħol mid-dar;

16. Jenfasizza l-importanza ta' miżuri ħfief fl-ilħuq ta' l-għan ta' trasport aktar sostenibbli u jikkunsidra li huwa importanti li għandu jkun possibbli għaċ-ċittadini li jieħdu deċiżjonijiet infurmati rigward il-metodi ta' trasport u l-imġieba fis-sewqan; jistieden sabiex ikun hemm aktar informazzjoni għall-konsumatur u għal aktar edukazzjoni attiva u kampanji ta' promozzjoni li jappoġġaw mezzi aktar sostenibbli ta' trasport u mudelli ta' trasport;

17. Jemmen li t-trasport bil-ferrovija — mod li għandu konsum enerġetiku u emissjonijiet tas-CO_2 aktar baxxi — għandu potenzjal konsiderevoli li għadu mhux sfruttat mhux biss f'dak li jirrigwarda l-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, imma anki f'dak li jirrigwarda t-trasport tal-passiġġieri fuq vjaġġ qasir u medju;

18. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, u lill-industrija tal-ferroviji sabiex:

(a) jagħmlu zona Ewropea waħdanija ta' ferroviji jew suq tal-ferroviji mill-aktar fis possibbli;

(b) b'dak il-għan, jeliminaw l-ostakli tekniċi u jimxu 'l quddiem lejn sistema waħdanija Ewropea ta' mmaniġġjar tat-traffiku tal-ferroviji (ERTMS) u soluzzjonijiet interoperabbli; u

(c) itejbu s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri u l-kwalità tas-servizz;

19. Jikkunsidra li, għalkemm il-linji ta' l-ajru naqqsu l-konsum tal-fjuwil tagħhom b'1 % - 2 % għal kull passiġġier kilometru f'dawn l-aħħar għaxar snin u l-emissjonijiet tal-ħoss tnaqqsu ħafna, l-impatt ambjentali globali ta' l-avjazzjoni ċivili żdied minħabba ż-żieda sostanzjali fit-traffiku; għalhekk jistieden sabiex:

(a) it-trasport ta' l-ajru jkun inkluż fl-ETS u jsir aktar użu tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida ta' mmaniġġjar tat-traffiku ta' l-ajru (SESAR — Riċerka ATM tas-Sema Ewropew Uniku);

(b) tariffi differenti ta' tluq u nżul fl-ajruporti bbażati fuq l-ammont ta' emissjonijiet;

(c) l-istabbiliment ta' "Sema Nadif Inizjattiva ta' Teknoloġija Konġunta" li timmira li tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO_2 u ta' l-NO_x u t-tniġġis tal-ħoss;

(d) tmiem tal-frammentazzjoni ta' l-ispazju ta' l-ajru Ewropew permezz tal-ħolqien malajr ta' Sema Ewropew Uniku reali;

(e) passi prattiċi sabiex titnaqqas il-konġestjoni fl-ajruporti; u

(f) tiġi żgurata l-integrazzjoni ko-modali u loġistika aħjar ta' l-ajruporti, billi jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-ferroviji;

20. Jinnota li fit-trasport bl-ajru, it-trasparenza tal-prezz tal-biljett u l-ispejjeż riflessi fil-prezz huma importanti ħafna għall-interess tal-passiġġier u għall-kompetizzjoni ġusta fis-settur tat-trasport, u għalhekk jappoġġja lill-Kummissjoni biex tieħu aktar inizjattivi f'dan ir-rigward;

21. Jinnota li l-emissjonijiet min-navigazzjoni qed ikomplu jiżdiedu u jirrakkomanda b'mod partikulari li:

(a) jitnaqqsu s-CO_2, l-SO_2, l-ossidu tan-nitroġenu, u emissjonijiet oħra mill-vapuri;

(b) jinbeda u jiġi nkoraġġit l-użu ta' għejun ta' enerġija li tiġġedded bħall-enerġija mix-xemx u mir-riħ;

It-Tlieta, 11 ta' Marzu 2008

(c) l-bastimenti li jankraw li jieħdu l-fjuwil minn għejun ibbażati fuq l-art;

(d) l-użu ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet li tnaqqas l-emissjonijiet li tiġi ttrattata bħala possibilità li tit-lob kunsiderazzjoni sew, mingħajr ma tikkastiga dan il-mezz ta' trasport li hu l-inqas wieħed li jagħmel ħsara lill-ambjent (flimkien mal-passaġġi ta' l-ilma interni) u mhux tiffavorixxi mezzi oħra li jimponu piż akbar fuq l-ambjent; u

(e) politika integrata dwar ix-xmajjar Ewropej li tiġi maqbula u għalhekk tappoġġja inizjattivi bħal NAIADES (Programm ta' Azzjoni Ewropew Integrat għal Trasport fuq Passaġġi ta' l-Ilma Interni), li jkompli jtejjeb aktar it-trasport permezz ta' passaġġi ta' l-ilma interni u l-prestazzjoni ambjentali tat-trasport fil-passaġġi ta' l-ilma interni;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestu fl-immodernizzar tal-faċilitajiet tal-port kemm għall-portijiet tal-baħar ta' l-UE u kemm għal dawk li jinsabu f'passaġġi ta' l-ilma interni, biex ikun possibbli li l-merkanzija u l-passiġġieri jinġarru malajr minn sistema ta' trasport għal oħra, u b'hekk ikun possibbli li jitnaqqas il-konsum ta' l-enerġija fil-qasam tat-trasport;

23. Jikkunsidra li huwa essenzjali li jittejjbu l-loġistika, il-fatturi tat-trasport tal-merkanzija, u t-trasport intermodali; għalhekk jappoġġa t-tlestija sħiħa tas-suq intern fit-trasport u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tibni mill-aktar fis possibbli fuq il-pjan ta' azzjoni msemmi hawn fuq għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija fl-Ewropa, waqt li jitqiegħed enfasi partikolari fuq l-iżvilupp tal-kunċett ta' "green corridors";

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestu aktar fir-riċerka fil-qasam tat-trasport, sabiex ikunu żviluppati l-mezzi tat-trasport li huma l-aktar effiċjenti f'termini ta' enerġija u fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO_2; jistieden lill-Kummissjoni sabiex, fir-reviżjoni ta' l-2009 tal-qafas finanzjarju plurijennali, iżżid sew l-allokazzjoni finanzjarja globali għar-Riċerka u l-Iżvilupp dwar l-ambjent, l-enerġija u t-trasport;

25. Jappoġġja lill-Kummissjoni f'inizjattivi li jgħaqqdu t-trasport sostenibbli u t-turizmu b'mod aktar effettiv, bħal l-użu ta' mezzi tat-trasport li jirrispettaw aktar l-ambjent, bħal per eżempju l-kombinazzjoni ta' l-użu tat-trasport pubbliku u l-użu tar-roti;

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

Twissija kmieni waqt emerġenzi kbar

P6_TA(2008)0088

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar twissija kmieni għaċ-ċittadini waqt emerġenzi kbar

(2009/C 66 E/02)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi huwa importanti li jkun hemm twissija kmieni effiċjenti għaċ-ċittadini f'każ ta' emerġenzi kbar imminenti jew li jkunu qed jiżviluppaw, bil-għan li jitnaqqsu t-tbatija u l-imwiet,

B. billi l-Parlament talab kemm-il darba għall-istabbiliment ta' twissija kmieni u ta' sistemi ta' twissija u dan huwa stipulat f'ħafna atti leġiżlattivi eżistenti u f'oħrajn li se jsiru,

C. billi s-sistemi ta' twissija kmieni jinvolvu t-twissija lill-awtoritajiet permezz ta' netwerks reġjonali għall-prevenzjoni ta' riskji (naturali, teknoloġiċi, soċjali) u t-twissija liċ-ċittadini permezz ta' netwerks tat-telekomunikazzjoni (radju, TV, sireni, mowbajls, eċċ.),